Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Numru 163/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**
**vs**
**Charles Victor Edward Cassar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Charles Victor Edward Cassar** bin il-mejjet Carmel u Helen Irene *nee'* Tonna, imwieled ir-Renju Unit fid-9 t'April, 1969, residenti 4, Triq il-Mulett, Xghajra, u detnetur tal-karta tal-identita bin-numru 202270M;

1. Talli fit-28 ta' Frar, 2004, bejn il-5.15pm u s-6.00pm, biswit/waqt li kien qieghed quddiem il-fond 41, 'Fredom', Trq Guzi Abela, Zejtun, meta li inti qed tirritorna lit-tifel Adrian ta' 4 snin ghand ommu Silvia Cassar, ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied kif ukoll li hebbejt ghal persuna ta' martek Silvia Cassar, kif ukoll


Qrati tal-Gustizzja

hebbejt u kkagunajt ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christine Mifsud kif iccertifika Dr. Ryan Giordmaina fil-Casuality Department ta' SLH;

2. Talli fl-istess cirkostanzi, data, hin u lok, ksirt il-bon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied kif ukoll li hebbejt ghall-persuna ta' Lucienne Saliba hekk kif iccertifika Dr. Ryan Giordmaina tal-Casuality Department ta' SLH kif ukoll fuq il-persuna ta' Margaret Mifsud hekk kif icceritika Dr. S. Mangion M.D. Reg No 2378 ta' St. James Hospital;

3. Talli fl-istess cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamilt hsara ghad-dannu ta' Margaret Mifsud. liema hsara ma tisskorriex il-hames mitt Lira Maltin (Lm 500), izda tiskorri il-hamsin lira Maltin (Lm50);

4. Ukoll talli fl-istess data gewwa l-Isptar San Luqa bejn il-hin tas-6.00pm u s-7.00pm ksirt il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied f'post pubbliku bi ksur tal-Artikolu 3328 (dd) kif ukoll heddidt u nsulentajt lil Lucienne Saliba u Christine Mifsud;

Il-Qorti hija mitluba sabiex tapplika l-provediment tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-familja ta' Silvia Cassar miz-Zejtun;

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti semghet zewg verzjonijet dwar dan l-incident li in sintesi kienu is-segwenti: Il-kwerelanta Sylvia Cassar, mart l-imputat u minnu separata, kien qed

tistenna it-tifel taghhom t'erba snin gej id-dar wara li qatta gurnata ghand l-imputat. Dan kellu jirritorna lit-tifel fl-4.00pm izda ittardja sal-5.30pm u meta wasal xtaq jerga jiehu t-tifel ghal-aktar hin u wara li spjegatlu li ma setghax jaghmel dan ghalqet il-bieb izda t-tifel baqa jinsisti li jmur ma' missieru u ta daqqa lil ommu. Din irrejagiet billi irritornat id-daqqa u l-imputat wissieha biex ma ssawwatx lit-tifel u hemm beda diskors iebes bejn l-imputat u martu li qalet li dan qabad balavostra tal-gebel u tefghahha gol-bieb bil-konsegwenza li kissier il-hgieg tal-bieb li gie fuq it-tifel u fuqha. Dak il-hin harget ommha u l-imputat beda jtiha bl-addocc. Sussegwentement harget ohtha Christine u beda jaghti lilha ukoll; harget ohta l-ohra Lucienne u beda jaghti lilha ukoll. Anke l-gharus ta' oht Sylvia Cassar pprova izomm lill-imputat izda spicca aggredit ukoll u Sylvia rat lill-imputat iwaddab gebla kbira fuq ohtha Christine;

Illi l-verzjoni tal-imputat taqbel mal-ewwel wahda safejn it-tifel talab li jerga jmur ma' missieru izda minn hemm 'l quddiem hemm divergenza. L-imputat jghid illi fl-insistenza tieghu t-tifel beda jissupervja u jxejjer idu u fil-process laqat lill-ommu u hi irritornat il-kumpliment u binha beda jitlob lil ommu sabiex ma ssawtux. Hawnhekk l-imputat ordnalha biex ma ssawtux izda ommu baqghet tghajjat, l-imputat imbotta l-bieb u wahda mill-kolonni dekorattivi giet f'idu u fil-paniku tfixkel f'bomblu kbir tal-gebel mimli bir-ramel wara l-bieb u qalbu. Meta l-kolonna giet f'idejh inkisret ukoll il-hgiega tal-bieb u l-imputat qal li dak il-hin iddecieda jitlaq minn fuq il-post ghaliex indunu li l-affari kienet ser tikber, izda hu u sejjer lejn il-karozza tieghu infetah il-bieb tad-dar harget omm Sylvia Cassar segwita mit-tfal taghha Christine u Lucienne, qabdu jghajruh u gew fuqu u aggredewh. Nizel ukoll Bernard, l-gharus ta' wahda mit-tfal u ssugerixxa lill-imputat biex jitlaq. Fl-istess hin tfaccat Lucienne b'hadida f'idejha u girfet il-karozza tal-imputat u tatu ukoll daqqa ta' hadida wara irkoptu u bil-weggha nizel mal-art u hemmhekk kollha qabzu fuqu hlief ghal Bernard li pprova jaqla lin-nisa minn fuqu. L-imputat beda jimbutthom biex johrog minn tahthom u b'xi mod dahal fil-karozza u telaq minn

fuq il-post. L-imputat spjega wkoll illi Christine kienet wadbitlu vazun fid-direzzjoni tieghu u laqtitlu il-karozza;

Illi l-espert mediku nominat mill-Qorti, it-Tabib Forensiku Dr. Mario Scerri, ikkonstata illi Lucienne Cassar sofriet griehi hfief konsistenti fi grif fil-wicc u lacerazzjoni fuq ir-ras u il-widna kompatibbli ma' blunt trauma; Christine Mifsud sofriet frattura tal-5$^{th}$ metacarpal bone rizultat ta' liwja tal-istess seba, frattura gravi per durata; Margaret Mifsud sofriet lezjoni fl-ghaksa l-leminija kompatibbli ma grif u strain fil-gog; L-imputat sofra nefha fuq l-irkoppa x-xellugijja kompatibbli ma' blunt trauma u grif fuq wiccu;

Illi meta si tratta ta' konflitt fil-provi jistghu ikunu provi cirkostanzjali li jitfghu dawl fuq liema verzjoni hija l-aktar wahda kredibbli. Fil-kaz in dizamina kienu esebiti ritratti (ara Dok TV1) li juru l-kundizzjoni tal-bieb ta' barra b'balavostra dekorattiva maqsuma fi tnejn izda ghadha mwahhla fil-post u bil-hgieg tal-bieb miksur. Ma' genb dan il-bieb hemm bomblu li jidher miksur, mhux imfarrak u tidher ukoll il-vettura tal-imputat migrufa. Ingiebet prova ukoll illi Charles Cassar kien mar l-isptar biex jiddewwa ghal griehi f'saqajh u dan wasal qabel il-kwerelanti.

Illi fis-sottomissjonijiet tieghu l-abbli difensur tal-imputat spjega id-diversi divergenzi li hargu matul il-process, fosthom illi Margaret Mifsud ma spejgatx kif spiccat bil-lezjoni fuq saqajha meta l-istess lezzjoni hija kompatibbli ma' waqa' segwita b'liwja; il-ksur fis-seba' ta' Christine Mifsud ma kienx akkumpanjat b'xi lezjoni fl-istess parti u ghalhekk mhux spjegabbli kif il-gebla li allegatament tefa l-imputat fid-direzzjoni taghha kisritilha subajha minghjar ma halliet marka ohra. It-tabib forensiku spjega illi dan il-ksur kien kompatibbli ma' seba li jintlewa aktar milli jmissu; l-istess jinghad dwar il-verzjoni li l-imputat tefa gebla kbira fid-direzzjoni tal-bieb meta fuq il-bieb ma hemm l-ebda tracca ta' hsara li tista' tikkawza gebla kbira u meta l-unika gebla setghet kienet biss il-bomblu jew hawt tal-gebel illi li kieku verament intefa fid-direzzjoni tal-bieb kien mhux biss ihalli marka izda kien isir frak u mhux semplicement jinqasam kif jidher fir-ritratt esebit. Oltre dan, bomblu mimli bir-ramel jew siment ta'dak il-qies

mhux facilment jintrefha u jintefa minghajr ma jhalli tracca. Bernard Borg ukoll xehed illi ra lill-imputat jitfa gebla fid-direzzjoni ta’ Christine u laqatha u rah jaghti b’mazz cwievet li kellu f’idu u minkejja dan kollu, it-tabib forensiku m sab ebda tracca ta’ feriti fuq id-l-imputat jew fuq wahda mill-kwerelanti li jindikaw li kien qed jaghti b’mazz cwievet.

Illi l-Qorti issib diffikulta tasal ghall-konvicement minghajr dubbju

illi l-imputat ghamel dak allegat mill-kwerelanti u ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------